MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 85/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Vella)**

**Vs**
**Dennis Farrugia**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-4 ta' Dicembru, 2007 ghall-habta ta' 16.45 hrs., gewwa Misrah Suffara, Rabat,
1. ghamlu uzu minn arma tan-nar u munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, w dan ai termini tal-artikolu 345 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. wara li ngurjaw animal u cioe' kelb ma hadux il-prekawzjonijiet mehtiega sabiex dan il-kelb jigi mdewwi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 345 tal-Kap. 480 tal-Kap. 9 (Sic!) tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat li sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza w ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hamsin Euro (€50) u lliberatu mill-ewwel akkuza fuq nuqqas ta' provi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-13 ta' Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w tvarja s-sentenza appellata w dana billi fl-ewwel lok tikkonferma dik il-parti fejn l-appellant gie liberat mill-ewwel akkuza w fit-tieni lok tirrevokaha in kwantu l-appellant instab hati tat-tieni akkuza w tilliberah mill-istess.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li s-sentenza hija nulla stante li l-Ewwel
Qorti ma semmietx l-artikolu tal-ligi tal-Kodici Kriminali jew ta' xi ligi ohra li kien
jikkontempla r-reat, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 382 tal-Kodici
Kriminali. Fil-fatt iccitat biss ***"l-art. 345 tal-Kap. 480 tal-Kap. 9"*** (Sic!) u fil-kap
480 ma jezisti ebda artikolu 345. Jekk wiehed igebbed l-argument u jghid
li l-Ewwel Qorti riedet tirriferi ghall-artikolu 345 tal-Kap. 9, ghal darb' ohra
dan l-artikolu ma jikkontempla ebda reat specifiku.

Rat il-verbal tal-lum li bih il-partijiet qablu illi s-sentenza appellata hija nulla
ghax ma tosservax il-vot tal-Ligi fl-artikolu 382 tal-Kap. 9, u talbu li din
il-Qorti tannulla l-istess w tirrimetti l-process lill-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat.

Illi l-appellant ghandu ragun. Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Illi skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F’ kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f’ dan is-sens l-Appelli Kriminali : **“Il-Pulizija vs. Paul Cachia**” [25.9.2003] ; **“Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**” [9.9.2002]; **“Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**” [10.7.2002 u 28.6.2002] **“Il-Pulizija vs. Donald Cilia**” [24.4.2002], “**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**” [14.9.2004]; “**Il-Pulizija vs. John Axiaq et”** [19.5.2005] ; **“Il-Pulizija vs. Stefan Abela”** [2.2.2006] u ohrajn). Illi n-nullita' fuq imsemmija, skond il-gurisprudenza kostanti, testendi anki ghall-kazijiet fejn l-Ewwel Qorti tkun iccitat artikolu jew artikoli tal-ligi bi zball.

Illi l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Att dwar l-Armi) - li gie indikat kemm *in capo* ghas-sentenza appellata kif ukoll fil-paragrafu tad-*decide* - fih biss 67 artikolu w ma fihx artikolu numerat 345. Ghalhekk dan l-artikolu gie manifestament citat bi zball. L-istess japplika ghall-artikolu 345 jekk dan jittiehed li hu dak inkluz fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghax dan ma jidher li ghandu x' jaqsam xejn mal-htija tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant. Ovvjament dan gie citat bi zball ukoll.

Illi pero' stante li l-appellant kien gie liberat mill-ewwel imputazzjoni, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Domenic Andrew Spencer"** [12.5.2005], dan id-difett fuq ravvizat iwassal biss ghan-nullita’ parzjali tas-

sentenza appellata fil-parti fejn tkun instabet htija fil-konfront tal-appellant u l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla u thassar biss dik il-parti tas-sentenza appellata fejn tkun instabet htija izda mhux ukoll il-parti fejn tkun illiberat minn xi akkuza . (Ara wkoll App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Joseph Muscat**" [10.6.94] , **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra "** [26.5.94]; **"Il-Pulizija vs. Charles Micallef"** [23.6.1995] u ohrajn.)

Konsegwentement, konformament mal-gurisprudenza in materja, peress li ma giex osservat id-dispozittiv tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali illi jghid li meta l-Qorti taghti s-sentenza trid tindika l-artikoli tal-ligi li tahthom tkun qed tinstab htija, tipprovdi billi tannulla biss dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant instab hati tat-tieni imputazzjoni w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi dwar it-tieni imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------